MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Numru. 1480/2010

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Micallef)
vs
Steve Azzopoardi, iben Raymond, imwieled Pieta' fl-24 ta' Marzu, 1981, Karta ta' l-Identita numru 162181(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fil-15 ta' Ġunju, 2010 għal ħabta tal-4.20 p.m. f'dawn il-Gżejjer, u cioe' ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' tas-Sliema mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor, u cioe' ta' Sharon Azzopardi, f'perikolu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Sharon Azzopardi, skont ma ċċertifika Dr. Daniel Barta M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għalkemm kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Marzu, 2011 fejn il-prosekuzzjoni u il-parte ċivile nfurmaw lill-Qorti li l-feriti li ġarrbet Sharon Azzopardi huma ta’ natura ħafifa.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Marzu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, kif modifikati.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaladaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu ħlief għal fatt li l-feriti li ġarrbet il-vittma huma ta’ natura ħafifa. Rat l-artikoli 221(1) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum. Minbarra dan rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li ma jimmolestax lil Sharon Azzopardi għal żmien sena taħt penali ta’ elf euro (€1,000).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------